



TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fil-Kummissjoni

Bidu inkoraġġanti, iżda hemm bżonn ta' aktar allinjament mal-
aħjar prattika

Werrej

1. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR.....	2
II. TWEĠBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA.....	3
1. Rakkomandazzjoni 1: Stabbilixxi funzjoni separata ta' middle-office.....	3
2. Rakkomandazzjoni 2: It-tisfih tar-rwol tas-CRO.....	3
3. Rakkomandazzjoni 3: Implimentazzjoni ta' strateġija tal-forza tax-xogħol għall-persunal tal-ġestjoni tad-dejn.....	4
4. Rakkomandazzjoni 4: Tiformula objettivi ċari ta' ġestjoni tad-dejn u tirrapporta dwar il-prestazzjoni fl-implimentazzjoni tagħhom.....	4
5. Rakkomandazzjoni 5: Deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar tad-dokumenti b'mod konsistenti.....	5

Dan id-dokument jippreżenta t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-osservazzjonijiet ta' Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, f'konformità mal-Artikolu 259 tar-Regolament Finanzjarju u għandu jiġi ppubblikat flimkien mar-Rapport Speċjali.

1. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR

NextGenerationEU jirrappreżenta programm ta' finanzjament rivoluzzjonarju, li kapaċi jimmobilizza sa 5 % tal-PDG tal-UE permezz ta' self biex jiffinanzja rispons kollettiv u b'saħħtu tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19. In-NextGenerationEU huwa strument temporanju, li fl-ambitu tiegħu l-Kummissjoni tista' tiġbor **sa EUR 800 biljun bejn nofs l-2021 u l-2026** permezz tal-ħruġ ta' bonds. Ir-rikavati minn dan il-ħruġ ta' bonds se jippermetti lill-UE tegħleb l-isfidi immedjati b'rabta mal-irkupru iżda wkoll tħaffef il-pass tat-tranżizzjoni ekoloġika u tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE. Se jinġabru sa EUR 250 biljun permezz tal-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi fl-ambitu tan-NextGenerationEU. NextGenerationEU jinvolvi ħruġ annwali ta' bonds ta' medja sa madwar EUR 150 biljun fis-sena bejn nofs l-2021 u l-2026, **li jagħmel lill-UE waħda mill-akbar emittenti ta' dejn denominat f'euro għas-snin li ġejjin** u l-akbar emittent ta' bonds ekoloġiċi globalment.

Għall-programmi kollha ta' qabel in-NextGenerationEU¹, il-Kummissjoni ħarġet bonds u ttrasferiet ir-rikavati direttament lill-pajjiżi beneficijarji bl-istess termini (jiġifieri r-rata tal-imgħax u l-maturità) li rċeviet (magħruf bħala approċċ ta' finanzjament **"back-to-back"**). It-twaqqit, il-volum u l-maturità tal-ħruġ kienu għalhekk iddeterminati kompletament mill-ħtiġijiet tal-benefiċjarju. Dan il-metodu kien biżżejjed biex jindirizza l-ħtiġijiet ta' finanzjament żgħar, iżda laħaq il-limiti tiegħu bil-programm SURE (programm sa EUR 100 biljun) li mmarka l-wasla tal-UE bħala emittent regolari u fuq skala kbira u pprova taħriġ siewi għat-tfassil tal-programm ta' finanzjament ferm akbar tan-NextGenerationEU.

NextGenerationEU kien jeħtieġ approċċ ta' finanzjament li ppermetta żieda sinifikanti fil-ħruġ f'ammont ta' żmien qasir ħafna. Kien jeħtieġ ukoll sistema li tista' tlaħħaq ma' żborżi multipli ta' self u għotjiet lill-Istati Membri b'veloċità u frekwenza għolja u bi żmien inċert minħabba d-dipendenza tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza relatati. Il-Kummissjoni kellha bżonn **playbook kompletament ġdid biex tiffinanzja b'suċċess in-NextGenerationEU, fil-forma ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata** tat-tip implimentata mill-akbar emittenti sovrani taż-żona tal-euro.

Bl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self taħt NextGenerationEU, il-Kummissjoni wriet il-kapaċità tagħha li timplimenta mingħajr xkiel programm ta' finanzjament fuq skala kbira anke fi swieq diffiċli u fl-istess ħin tiżgura trasparenza u obbligu ta' rendikont sħaħ. **L-istrateġija ta' finanzjament diversifikata** — li tikkonsisti fit-tekniki (sindakati u rkanti) u l-istrumenti ta' finanzjament (bonds u kambjali) użati minn emittenti sovrani — **kienet strumentali fin-navigazzjoni ta' swieq volatili.**

F'Diċembru 2022, **il-Parlament u l-Kunsill biddlu r-Regolament Finanzjarju biex jistabbilixxu l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata bħala l-bażi għall-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self futuri kollha tal-UE** u b'hekk ippermettew approċċ ta' finanzjament unifikat, li jibda bil-finanzjament għas-self tal-AMF + lill-Ukrajna (EUR 18-il biljun).

Ir-Regolament Finanzjarju rivedut², u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni relatata mal-Governanza³, **issa se jippermettu lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija globali għall-**

¹ Bħall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM), l-assistenza makrofinanzjarja (MFA), il-Faċilità tal-Bilanċ tal-Pagamenti u l-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE).

² Regolament (UE, Euratom) 2022/2434 (EUR-Lex - 32022R2434 - EN - EUR-Lex (europa.eu))

³ C (2022)9700 (C_2022_9700_1_EN_ACT_part1_v6.pdf (europa.eu))

ġestjoni tad-dejn għall-operazzjonijiet tagħha, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA. Qabel, il-Kummissjoni ma setgħetx timplimenta strateġija unika u komprensiva għall-ġestjoni tad-dejn peress li kienet meħtieġa tmexxi l-istrateġija ta' finanzjament diversifikat tan-Next Generation EU flimkien ma' sensiela ta' programmi ffinanzjati minn metodu differenti u bl-użu ta' tekniki differenti. Filwaqt li tibni fuq l-istrateġija ta' finanzjament stabbilita għal NextGenerationEU, il-Kummissjoni minn issa 'l quddiem se tkopri l-operazzjonijiet kollha ta' teħid u għoti b'self għall-politiki tal-UE skont **l-approċċ ta' finanzjament unifikat** fil-Pjanijiet ta' Finanzjament tagħha u fir-rapportar relatat filwaqt li l-Uffiċjal Kap tar-Riskju se jissorvelja wkoll teħid ta' self ieħor (mhux NextGenerationEU). Fl-istabbiliment tal-istrateġija tal-ġestjoni tad-dejn u s-sistemi ta' rapportar tagħha skont l-approċċ ta' finanzjament unifikat, **il-Kummissjoni se tagħti l-akbar kunsiderazzjoni lir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA.**

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA

1. Rakkomandazzjoni 1: Stabbilixxi funzjoni separata ta' middle-office

Filwaqt li tqis l-iskala, il-komplessità u l-prominenza akbar tal-attivitajiet ta' ġestjoni tad-dejn, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi funzjoni diskreta ta' middle-office bl-għan li ttejjeb il-kapaċitajiet analitiċi, ta' evalwazzjoni tar-riskju u ta' rapportar tagħha. Jenħtieġ li jkun responsabbli, pereżempju, għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-kompromessi fil-ġestjoni tad-dejn, u għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-maniġers tad-dejn tal-front-office kontra objettivi strateġiċi.

Data ppjanata għall-implimentazzjoni: nofs l-2024

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1 biex tistabbilixxi funzjoni separata ta' middle-office. Il-Kummissjoni stabbiliet l-istruttura attwali, li fiha l-front office, l-ippjanar strateġiku u l-monitoraġġ tar-riskju jitwettqu fl-istess tim, peress li tqieset l-aktar xierqa minħabba l-ispeċifikitajiet tal-attivitajiet u l-ħtieġa li l-kapaċitajiet jinbnew malajr bir-riżorsi disponibbli.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet kienu jeħtieġu rabta mill-qrib bejn l-ippjanar tal-finanzjament u l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet fi żmien meta kemm l-ippjanar tan-nefqa kif ukoll il-proċessi tat-tranżazzjonijiet kienu qed jiġu żviluppanti. Kienu meħtieġa kuntatt mill-qrib u reattività għolja f'din il-fażi tal-bidu. Issa li l-operazzjonijiet ta' finanzjament ilhom għaddejjin b'suċċess għal xi żmien, huwa possibbli li l-istruttura organizzazzjonali tiġi allinjata aħjar mal-aħjar prattiki internazzjonali u li jiġi stabbilit middle-office separat.

2. Rakkomandazzjoni 2: It-tishiġ tar-rwol tas-CRO

Sabiex jiġi żgurat li s-CRO jissodisfa l-mandat tiegħu b'mod indipendenti, effettiv u effiċjenti, il-Kummissjoni għandha:

- a) iħejju karta li tispjega liema kompiti ta' ġestjoni operazzjonali jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-CRO fil-kapaċità tagħhom bħala Deputat Direttur Ġenerali;
- b) issaħħaħ il-kapaċità tat-tim tas-CRO sabiex tkun proporzjonata mal-kompiti assenjati lilha, b'mod partikolari billi tistabbilixxi back-ups.

Data ppjanata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet 2a u 2b. Se titħejja l-Karta li tispjega l-kompiti ta' ġestjoni operazzjonali tas-CRO, fil-kapaċità tagħhom bħala Deputat Direttur Ġenerali tad-DĠ Baġit. Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tas-CRO, bħalissa għaddej it-tisfiħ tat-tim li jappoġġa lis-CRO bil-ħsieb li tissaħħaħ u tiġi ottimizzata l-kapaċità operazzjonali tiegħu u li tiġi allinjata l-organizzazzjoni tiegħu, sabiex isir proporzjonat mal-kompiti assenjati lis-CRO.

3. Rakkomandazzjoni 3: Implimentazzjoni ta' strateġija tal-forza tax-xogħol għall-persunal tal-ġestjoni tad-dejn

Minħabba l-kumplessità u l-importanza tal-kompiti ta' ġestjoni tad-dejn, u l-ħtieġa li jiġi attirat u miżmum persunal xieraq, il-Kummissjoni għandha timplimenta strateġija tal-forza tax-xogħol xierqa għall-persunal li jittratta l-ġestjoni tad-dejn.

Data ppjanata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 3. L-introduzzjoni ta' persunal temporanju mill-uffiċċji tal-ġestjoni tad-dejn tal-Istati Membri, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Bank Ewropew tal-Investment, eċċ. għenet lill-Kummissjoni tibda malajr l-operazzjonijiet ta' finanzjament. Hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li gradwalment tissostitwixxi dan il-persunal estern u temporanju b'aktar persunal permanenti. Il-prijorità hija li l-esperti nazzjonali ssekondati jiġu sostitwiti mill-persunal tal-Kummissjoni. Arranġamenti permanenti addizzjonali għandhom rwol kruċjali fl-iżgurar tal-arranġament kontinwu b'suċċess tal-programm ta' ħruġ ta' dejn impenjattiv tal-UE. Filwaqt li se jsir kull sforz biex jiġi rekrutat persunal permanenti, jekk dan ma jkunx possibbli, il-Kummissjoni se jkollha timla l-postijiet b'aġenti temporanji. L-użu ta' aġenti temporanji għal profili speċjalizzati ħafna, li mhumiex disponibbli fil-Kummissjoni, huwa konformi mal-istrateġija tar-riżorsi umani tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, it-tim tas-CRO ssaħħaħ b' 3 FTE addizzjonali minn Lulju 2022 li issa saru tim ta' 5.5 FTE. Il-Kummissjoni se tkompli tirrifletti dwar soluzzjonijiet futuri possibbli biex tindirizza din ir-rakkomandazzjoni u tintegra dan l-aspett fil-ġestjoni tar-riżorsi umani tad-DĠ Baġit.

4. Rakkomandazzjoni 4: Tifformula objettivi ċari ta' ġestjoni tad-dejn u tirrapporta dwar il-prestazzjoni fl-implimentazzjoni tagħhom

Biex ittejjeb l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza tal-prestazzjoni tal-ġestjoni tad-dejn tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- a) tadotta strateġija ta' ġestjoni tad-dejn li tinkludi l-istrumenti kollha ta' self, inkluża dikjarazzjoni ċara tal-objettivi tal-ġestjoni tad-dejn bl-indikaturi rilevanti, u tirrapporta regolarment dwar il-kisba tagħhom;
- b) tippubblica informazzjoni regolari dwar il-proporzjon tar-rikavati mill-bonds ekoloġiċi tal-NGEU li fil-fatt intefqu f'konformità mat-Tassonomija tal-UE.

Data ppjanata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet 4 a u 4b. Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar l-istrateġija ta' finanzjament għall-finanzjament tan-NextGenerationEU⁴, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont huma karatteristiċi tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tan-NextGenerationEU. Il-

⁴ COM (2021) 250 (com2021_250_en_act_part1_v3.pdf (europa.eu))

Kummissjoni għalhekk tagħmel ħafna enfasi fuq li tinforma lill-Parlament, lill-Kunsill, lill-investituri u lill-pubbliku ġenerali dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament.

5. Rakkomandazzjoni 5: Deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar tad-dokumenti b'mod konsistenti

Sabiex ittejjeb l-obbligu ta' rendikont u r-rekord tal-awditjar għad-deċiżjonijiet tagħha dwar l-ipprezzar għas-sindakazzjonijiet tal-bonds tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddokumenta b'mod ċar, għall-użu intern, l-analiżi u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li wasslu għad-determinazzjoni tal-prezz finali.

Data ppjanata għall-implimentazzjoni: ta' Settembru 2023

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 5 u se tintroduċi reġistru strutturat tal-passi ewlenin kollha fit-tnejn għat-tranżazzjonijiet sindakati.